MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1209/2014

**IL-PULIZIJA**

**SP FRANKIE SAMMUT**

**V**

**AMER JARKAS TA' 36 SENA, IBEN JAMAL ALDEEN U MOFIEDA, IMWIELED KUWAIT NHAR 1/01/1978, U DETENTUR TA' PASSAPORT SIRJAN 004292806**

**Illum 9 ta' Dicembru, 2014.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Amer Jarkas li gie akkuzat talli fid-9 ta' Dicembru, 2014 u jew fil-granet ta' qabel f'Malta iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f'passaport jew document, li hu kien jaf li gew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Amer Jarkas (Kap 61 art 5 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, art 189 tal-Ligijiet ta' Malta).

Kif ukoll akkuzat talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew registrazzjonijiet maghmula skont l-att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, art 32(1d) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat l-ammissjoni tal-imputat.

Rat li l-imputat zamm ferm l-ammissjoni minnu registrata wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jahseb fuq l-istess.

Issibu hati wara li rat l-artikolu 5 tal-Kapitlu 61 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 189 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 32(1d) tal-Kapitlu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------